MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 106

KONTINWAZZJONI

11 ta' Frar 2019

Minuti tat-Tieni Parti tas-seduta Nru. 106 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier J. Gauci li kien imsiefer u l-Kunsillier P. Cutajar minħabba raġunijiet ta' xogħol. Huma nnotifikaw li ma setgħux jattendu permezz ta' imejls datati 5 ta' Frar 2019.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tal-Ewwel Parti tħallew għall-konsiderazzjoni fis-seduta li jmiss.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1. Billi l-minuti ma ġewx ippreżentati ma tqajjmu ebda materji minnhom.

## 3.1. Tqegħid ta' Karti

3.2. Ma tqiegħdu ebda karti

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 4.1.1. Riċikklar ta' tessuti (K/6/10/Vol III)

4.1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għal-laqgħa li saret fit-28 ta‘ Jannar 2018 ma‘ diriġenti ta‘ ReFab Textile Recycling, meta ġew indikati tliet postijiet fejn dawn għandhom jitpoġġew fiż-żona ta‘ Mellieħa Heights, qrib l-iskola u fil-Manikata.

4.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li dawn għandhom isiru preċiżament f'dawn il-postijiet:

- Fi Triq il-Miġbħa kantuniera ma‘ Triq is-Sagħtar;
- Fuq il-bankina tal-parkeġġ li hemm bejn l-Iskola Primarja u Ġnejnet il-Kunsill; u
- Fi Triq Dun Manwel Grima, Manikata qrib is-Sala Parrokkjali.

4.1.4. Is-Sur J. Azzopardi qal ukoll li ntalbet kontribuzzjoni ta‘ €500 fis-sena biex tintefaq mill-Kunsill b'riżq xi inizjattiva ambjentali. Id-diriġenti ta‘ ReFab aċċettaw din it-talba.

## 5.1. Għażla tal-Iskema responsabbli mill-Ġbir ta' Skart Riċiklabbli (K/6/11)

5.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa għall-offerti minn fost iż-żewġ skemi għalqet fis-7 ta' Frar 2019 f'nofsinhar. L-offerti li saru infetħu mis-Segretarju C. Debono eżattament wara, fil-preżenza tas-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri J. Azzopardi u J. Gauci.

5.3. Is-Sindku ta' rendikont tal-andament tas-servizz mogħti minn Green MT Ltd fl-aħħar sena, liema andament anke ġie reġistrat permezz ta' *default notices* komunikati lill-istess skema permezz ta' ittri reġistrati tas-27 ta' Awwissu u tal-1 ta' Diċembru 2019. Il-punti mqanqla f'din il-korrispondenza kienu jitrattaw il-klawsoli segwenti tal-ftehim, ossija:

| Klawsola | Deskrizzjoni qasira |
|---|---|
| 4. | Ġbir ta' konteni turi tal-ħġieġ minn bars u ristoranti. |
| 6. | Tqassim ta' boroż griżi b'xejn fil-lokalità. |
| 9. | Obbligu tal-iskema li tipprovdi l-konteni turi tal-*bring-in sites*, kif ukoll tara li dawn jinbidlu minħabba *wear and tear*. |
| 9.(b) | Tbattil regolari tal-*bring-in sites*, mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa. |
| 10. | Informazzjoni lir-residenti permezz ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni, inkluż żjajar bieb bieb, tqassim ta' fuljetti, eċċ. |
| 13. | Tqassim ta' 35 *vouchers* ta' ħmistax-il Ewro fis-sena lil dawk ir-residenti li tinstabilhom il-borża l-griża wara l-bieb u li tkun qed tintuża b'modd tajjeb. |
| 14. | Ġurnata għall-ġbir ta' skart riċikklabbli bħala *Mellieħa Recycle Day*. |

5.4. Is-Sindku kompla jgħid illi wara laqgħa li saret ma' Green MT Ltd fl-1 ta' Novembru 2018, l-iskema pprovdiet *bins-on-wheels* fil-*bring-in site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, dawn ma kinux fi stat tant tajjeb u kien qed jirriżulta li jinfetħu u ma jingħalqux mill-pubbliku. Għal din ir-raġuni, kellhom jissakkru bi ktajjen u katnazzi bi spejjeż għall-Kunsill. Aċċenna għall-fatt li l-attitudni tal-iskema ma kienet xejn pożittiva, għaliex minflok li din tibdel d-*domes* illi ddeterjoraw bl-użu skont, kif kienet obbligata tagħmel bil-ftehim, l-uffiċjali tagħha sempliċiment jirrappurtaw li dawn għandhomjitneħħew minn fuq il-post u jintalab il-ħlas ta' €200 kull waħda biex tinġarr minn fuq il-post.

5.5. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-kulminu tan-nuqqasijiet li kkommettew Green MT Ltd kien meta fil-4 ta' Diċembru 2018 naqsu li jipprovdu s-servizz tal-borża l-griża, allegatament minħabba li ma nstabx xufier biex isuq l-iscammel. Irriżulta wara li l-kuntrattur konċernat qal li huwa kien innotifika lill-iskema dwar dan ġimgħa qabel. L-iskema pprovdiet kuntrattur li beda jaħdem fit-3.00pm, li ovvjament ma laħħaqx, kemm minħabba l-volum ta' skart, kif ukoll minħabba li ma kienx familjari mar-rotta. Is-Sindku qal ukoll li għal diversi granet, huwa personalment akkumpanja lix-xufier tal-iscammel biex jiġi żgurat li r-rotta tkun waħda effiċjenti biex ma jintilifx ħin u tiġi koperta l-lokalità kollha. Huwa qal li jixtieq jieħu din l-opportunità biex jirringrazzjaħ għall-inpenn li wera sabiex tejjeb is-servizz tiegħu minn jum għall-ieħor u saħansitra minn jeddu beda jaħdem b'żewġ scammels fl-istess ħin.

5.6. Il-Kunsill imbagħad għadda biex jevalwa s-sottomissjonijiet li għamlu ż-żewġ skemi skont kif jidher hawn taħt:

| **Rekwiżiti Ewlenin** | **Green MT Ltd** | **GreenPak Coop** |
|---|---|---|
| Ġbir ta' skart riċiklabbli darbtejn fil-ġimgħa kull nhar ta' Tlieta u Ħamis, bieb bieb, iżda bi qbil li tiġi segwita l-istrateġija nazzjonali. | ✓ | ✓Il-ġabra li attwalment qed issir nhar ta Ħamis tibda ssir darba fil-ġimgħa minħabba l-konfużżjoni li qed ikun hemm mal-borża s-sewda. |
| Żewġ scammels li joperaw simultanjament fuq rotot differenti, bil-għan li jiġi żgurat li l-iskart jinġabar mil-lokalità kollha sa kmieni wara nofsinhar. | ✓ Xahrejn wara l-iffirmar tal-ftehim | Għandha tintalab kjarifika dwar jekk l-iskema hijiex lesta li topera permezz ta' żewġ scammels. |
| L-Iskema għandha iżomm il-prerogattiva dwar l-għażla tal-Kuntrattur li jagħmel il-ġbir mill-Kunsill Lokali. L-Ewwel preferenza tingħata lill-kuntrattur preżenti, iżda l-Iskema għandha id-dritt li tagħmel l-għażla finali. | ✓ | Għandha tintalab kjarifika dwar jekk l-iskema hijiex lesta tikkonsulta mal-Kunsill dwar l-għażla tal-kuntrattur. |
| Ġabra ta' ħġieġ bieb-bieb kull l-ewwel u tielet ġimgħa tax-xahar bl-iskema tħallas direttament lill-kuntrattur għal dan is-servizz. | ✓ | ✓ |
| Ġbir tal-ħġieġ darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' Ġimgħa, lill-barijiet u ristoranti (esklużi lukandi) ġewwa l-lokalità. | Il-*Beverage Container Refund System* ser tidħol fis-seħħ b'effett mill-01/02/2020. | ✓Matul is-sena l-ġbir isir darba fil-ġimgħa u fil-peak season jistgħu jiġu pprovduti iBiNs għall-ħġieġ għall-bars u ristoranti. |
| Ġbir ta' skart riċiklabbli mill-Caravan Site tal-Għadira kull nhar ta' Tlieta, bejn Ġunju u Settembru. | ✓ | ✓ |

| | | |
|---|---|---|
| Boroż griżi jew ħodor b'xejn fil-lokalità tliet darbiet fis-sena (1,600 pakkett ta' 10 boroż '1 wieħed kull erba' xhur). Fin-nuqqas ta' dan, il-boroż jiġu pprovduti mill-Kunsill, bl-ispejjeż tagħhom jiġu rimburżati mill-iskema. | ✓ Tingħata rifuzzjoni ta' €0.056 (VAT inkluża) lill-Kunsill. | ✓ Boroż ħodor tipprovidihom l-iskema stess. |
| Massimu ta' **10** *Bring-in Sites domes/bin-on-wheels* mgħammra b'minimu ta' erba' kontenituri 'il waħda b'kapaċità minima ta' 1100 litru, fil-postijiet u kwantitajiet indikati f'iskeda mmarkata Dokument "A" | ✓ Indikaw il-ħtieġa sitt (6) BIS oħra apparti dawn eżistenti.<br><br>L-iskema tneħħi biss l-iskart riċiklabbli li mhuwiex ikklassifikat bħala skart goff, illi jiġi depożitat barra mill-kontenituri fil-BIS | ✓ Isir użu minn iBiNs li huma mmonitorjati elettronikament u jkunu jistgħu jitbattla skont il-ħtieġa.<br><br>Permezz ta' mobile app, wieħed ikun jista' jara fejn hemm l-eqreb iBiN li jkun jista' jarmi fiħ it-tip ta' skart li jkollu.<br><br>L-iskema tneħħi l-iskart kollu li mhuwiex ikklassifikat bħala skart goff li jiġi depożitat barra mill-kontenituri fil-BIS. |
| L-Iskema tħallas direttament lill-kolletur għas-servizz. | ✓ | ✓ |
| **Benefiċċji Addizzjonali** | **Green MT Ltd** | **GreenPak Coop** |
| Għajnuna teknika | | ✓ Għajnuna teknika fuq proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej u inizjattivi ambjentali. |
| Edukazzjoni | | ✓ Edukazzjoni fl-iskejjel, f'żoni residenzjali partikulari fejn jgħixu barranin, materjal promozzjonali sabiex jittellgħa fis-sit elettroniku tal-Kunsill fil-medja soċjali |
| WEEE | | ✓Jista' isir arranġament sabiex jinġabar il-WEEE. |

5.7. Billi kien hemm preżenti rappreżentanti miż-żewġ skemi, is-seduta ġiet sospiża għal xi ħin sabiex tintalab kjarifika mir-rappreżentant ta' GreenPak Coop dwar jekk l-għażla tal-Kuntrattur li jagħmel il-ġbir hijiex ser issir b'konsultazzjoni mal-Kunsill. Intalbet kjarifika wkoll dwar jekk l-istess skema hijiex lesta li tipprovdi żewġ scammels li joperaw

simultanjament fuq rotot differenti, bil-għan li jiġi żgurat li l-iskart jinġabar mil-lokalità kollha sa kmieni wara nofsinhar. Is-Sur Daniel Tabone minn GreenPak Coop wieġeb fl-affirmativ għall-mistoqsijiet li sarulu.

5.8. Il-Kunsillier J. Azzopardi, filwaqt osserva li d-differenza bejn l-offerti taż-żewġ skemi hija sinifikanti, b'dik ta' GreenPak Co-Op hija ċertament l-aħjar waħda. Huwa staqsa dwar jekk Green MT Ltd kienux ħallsu għall-boroż il-griżi li nxtraw mill-Kunsill wara li l-istess skema naqset li tagħmel dan.

5.9. Is-Segretarju wieġeb li għalkemm intbagħat kont lill-iskema, dan kien għadu ma ġiex imħallas.

5.10. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li fir-rigward tal-ġbir tal-ħġieġ hemm differenza notevoli bejn iż-żewġ skemi. Huwa staqsa dwar jekk l-iBiNs jistgħux jiġu pprovduti matul is-sena kollha, peress li l-volum ġġenerat jitlob li dawn ikunu permanenti fuq il-post. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll li dakinhar tas-seduta kien hemm ammont konsiderevoli ta' skart barra mid-*domes*. Huwa staqsa wkoll jekk dan tneħħiex.

5.11. Is-Sindku wieġeb li l-ħtieġa għat-tqegħid tal-iBiNs b'mod permanenti għall-barijiet u ristoranti tista' tiġi evalwata meta jibda s-servizz. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-boroż is-suwed li saret referenza għalihom fil-minuta 6.10., tneħħew mill-kuntrattur tal-iskart domestiku, filwaqt illi dak li kien fadal inġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.12. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li apparti minn nuqqasijiet illi ġew esperjenzati matul l-aħħar snin bis-servizz mogħti mill-Green MT Ltd. Apparti dan taqbel mal-kummenti li għamel il-Kunsillier J. Azzopardi fis-sens li d-differenza bejn l-offerti li saru miż-żewġ skemi hija notevoli. Għaldaqstant hija pproponiet li l-ftehim għandu jiġi ffirmat ma' GreenPak Coop.

5.13. Il-Viċi Sindku D. Vella qal li n-nuqqasijiet illi ġew reġistrati ma ġewx miċħuda minn Green MT Ltd, filwaqt li joħroġ biċ-ċar illi l-pakkett offrut minn GreenPak Coop huwa l-aktar wieħed vantaġġjuż.

5.14. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill unanimament qabel li għandhom jitkomplew il-kuntatti ma' GreenPak Coop.

## 6.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

6.2. Ma tressqu ebda mill-iskedi msemmija għall-approvazzjoni.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fis-7:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar 2019 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**